MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru 305/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jane Scicluna**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell interpost minn Jane Scicluna minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Lulju 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Scicluna hatja tar-reat ta' *ragion fattasi*, ikkundannatha multa ta' mitt euro (€100) u ordnatilha sabiex tghaddi kopja tac-cavetta tal-fond 52, 53, 54 u 55 Triq l-Assunta, Rabat, Ghawdex, lill-parti leza fi zmien tlett xhur mid-data ta' dik l-istess sentenza.

L-imsemmija Jane Scicluna (bint il-mejtin Joseph Debono u Tarcisia nee Azzopardi, imwielda fit-2 ta' April 1938 u detentrici tal-karta ta' l-identita` nru 25638G) trassqet mill-

Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni akkuzata talli "matul il-periodu li jkopri l-ahhar tnax-il xahar mil-lum 29/07/2008 sabiex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, bl-awtorita` tieghek innifsek zammejt lill-kwerelant Lino Debono milli jaccedi b'mod liberu fil-fond 52, 53, 54 u 55 ft Triq l-Assunta, Rabat, Ghawdex". Ic-citazzjoni ggib id-data 13 ta' Awwissu 2008.

Il-fatti huma cari u, fil-verita`, anqas ma huma kontestati. Dak li qed jigi kontestat huma l-konsegwenzi guridici ta' dawk il-fatti. Il-fond aktar 'l fuq imsemmi, li kien xi darba jappartjeni lill-genituri tal-appellanti u tal-kwerelant Lino Debono (li ghalhekk jigi huha) illum jappartjeni lill-eredi tad-defunti Joseph u Tarcisia, konjugi Debono, fosthom l-istess Jane Scicluna u Lino Debono. Sakemm Tarcisia Debono kienet ghadha hajja, ic-cavetta tal-fond kienet ghandha u xi mindaqqiet Lino Debono kien jitlobhielha biex ikun jista' jidhol fil-fond. Meta din mietet fid-29 ta' Jannar 2005, ic-cavetta spiccat f'idejn l-appellanti Jane Scicluna. Il-kwerelant talabha taghtih kopja tac-cavetta biex ikollu access liberu ghall dan il-fond, izda hi rrifjutat u qaltlu li meta jkun irid hekk jidhol hija tmur tiftahlu u terga' ssakkar warajh. Ghalhekk Lino Debono sporga l-kwerela relattiva.

L-aggravju tal-appellanti hu li l-kwerelant qatt ma kellu l-pussess rikjest ghall-finijiet tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprpjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipprotegi l-i*status quo*. Sfortunatament l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, dahlet fi kwistjonijiet ta' proprjeta` u kwistjonijiet konnessi mad-doveri tal-ezekutur testamentarju (ghax l-appellanti kienet giet nominata minn ommha u approvata mill-qorti kompetenti bhala tali) meta dawn il-kwistjonijiet jezorbitaw

mill-parametri tal-imsemmi Artikolu 85. Kemm id-difensur tal-appellanti kif ukoll l-appellat Avukat Generali wkoll ippruvaw idahhlu lil din il-Qorti f'aspetti purament ta' dritt civili bin-noti taghhom tat-18 ta' Dicembru 2009 u 29 ta' Dicembru 2009 rispettivament. Bhala fatt, tajjeb jew hazin, il-kwerelant, la qabel il-mewt ta' ommu u wisq anqas wara l-mewt taghha, qatt ma kellu l-pussess tal-fond in kwistjoni. Certament minn wara l-mewt ta' Tarcisia Debono dan il-pussess kien f'idejn l-appellanti billi kienet hija li kellha c-cavetta. Ghalhekk l-appellanti, meta rrifjutat li taghti kopja tac-cavetta lil huha l-kwerelant, b'ebda mod ma jista' jinghad li kienet qed tispolja (permezz ta' att estern) lill-imsemmi Lino Debono minn xi haga li huwa kien qieghed igawdi. Jidher li dan huha pprova jiehu *short cut* permezz ta' kwerela u permezz ta' prosekuzzjoni mmexxija mill-Pulizija Ezekuttiva, biex jevita li jaghmel kawza civili. In fatti, meta xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju (li kien gie nominat mill-Qorti Inferjuri minhabba li ghal xi zmien l-appellanti, allura imputata, ma setghetx tattendi l-qorti ghal ragunijiet medici) Lino Debono, mistoqsi ghala pprezenta l-kwerela flok ghamel kawza civili, wiegeb: "Haga semplici! M'ghamiltx kawza civili ghax nehel tlett mija u tmenin lira biex naghmel il-kawza. That's all." (ara fol. 13).

Ghalhekk l-appell jimmerita li jigi akkolt. S'intendi – haga li din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn tghidu – id-drittijiet civili kollha tal-partijiet huma u jibqghu impregudikati bl-odjerna sentenza.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------